MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 4/1997/2

**Joseph Dingli, Charles Dingli u Mario Dingli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` F. R. D. Ltd**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta’ Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti nomine, wara li ppremettew illi fil-21 ta’ Novembru 1997 huma gew notifikati b’ittra ufficjali u b’dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-intimat a tenur ta’ l-artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi fid-dikjarazzjoni hawn fuq premess il-Kontrollur tad-Dwana qal u kkonferma bil-gurament li l-Gvern ta’ Malta kif rapprezentat minnu, huwa kreditur ta’ Joseph Dingli, Charles Dingli u Mario Dingli ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta F.R.D. Limited is-somma ta’ erba mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm434), dovuta lilu bhala Taxxa fuq Valur Mizjud fuq konsinna ‘Enervit Drinks” impurtati f’Awissu 1995 permezz ta’ Duty Entry nru. 132423 datata 16 ta’ Awissu 1995 skond id-dokument anness mar-rikors u mmarkat Dokument “B”.

Illi din is-somma fil-fatt m’hijiex dovuta mill-esponenti nomine lil Gvern ta’ Malta, u dan minhabba s-segwenti:

1. Illi fil-fatt l-esponenti nomine kienu f’Awissu tan-1995 impurtaw f’Malta konsinna ta’ prodotti Enervit. Din il-konsinna giet rilaxxata mid-Dwana permezz ta ‘Release Order’ tat-18 ta’ Awissu 1995, kopja ta’ liema hi hawn annessa u mmarkata Dokument CD1.
2. Illi meta impurtaw dawn il-prodotti l-esponenti nomine kienu kkwotaw fid-dokumenti relattivi l-H.S. Code kif fornit lilhom mis-socjeta estera minghand min inxtraw dawn il-prodotti, liema H.S. Code kienet 2106.90.99.99, u cioe, “Food preparations, not elsewhere specified or included”.
3. Illi il-prodotti mportati taht dan l-“H.S. code” kienu ezenti mill-hlas ta’ Taxxa bil-Valur Mizjud.
4. Illi f’Jannar ta’ l-1996 l-esponenti nomine rcevew minghand il-Kontrollur tad-Dwana ittra interpellatorja f’liema ntalbu li jhallsu s-somma ta‘ Lm434 dovuti bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud peress li d-dipartiment tad-Dwana kien qed jippretendi li l-prodotti in kwistjoni kellhom jigu deskritti taht l-“H.S. Code” 2202.10.00.10.
5. Illi meta rrilaxxja l-prodotti mportati kif fuq inghad, il-Kontrollur tad-Dwana kien accetta l-impostazjoni tal-prodotti mportati taht l-“H.S. Code” 2106.90.99.99 u ghaldaqstant kien accetta li l-ebda Taxxa bil-Valur Mizjud ma kien elevabbli fuq il-prodotti hekk importati. Dan jidher car sija mir-Release Order (Dokument CD1), kif ukoll minn diversi dokumenti kkonsenjati lil Kontrollur tad-Dwana fis-17 ta’ Awissu 1995, kopja ta’ liema dokumenti huma annessi mar-rikors u mmarkati Dokument CD2.

6. Illi d-dikjarazzjoni maghmula mill-esponenti nomine fid-dokumenti hawn fuq premessi li l-prodotti mportati jaqghu taht l-'H.S. Code" 2106.90.90 kienet wahda korretta fil-fatt u skond il-ligi.
7. Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher li t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana hi manifestament infondata.

Talbu bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikajra t-talba maghmula mill-Kontrollur tad-Dwana bl-ittra ufficjali u bid-dikjarazzjoni guramentata tat-13 ta' Novembru bhala nfondata u bla ebda bazi fil-fatt u fid-dritt u dan fid-dawl tac-cirkostanzi fuq premessi u billi l-ebda ammont huwa mir-rikorrent dovut lill-intimat.

Bl-ispejjez.

Rat l-elenku ta' dokumenti annessi mal-istess rikors u li jinsabu a fol 5 sa fol 11 tal-istess atti.

Rat id-digriet Taghha preliminari (fol 14 ibid).

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana fol 15 ibid u li biha, l-istess intimat espona bir-rispett:-

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrenti stess ddikjaraw li l-prodotti kienu mportati bl-H.S. Code 2106.90.99.99 u mhux 2202.10.00.10 kif fil-fatt irrrizulta.

Illi l-ammont ta' taxxa dovut jiddependi fuq in-natura ta ' l-oggetti mportati u mhux kif gew klassifikati fid-dokumenti.

Illi l-fatt li d-Dwana rrilaxxat il-prodotti mportati ma jfissirx li d-Dipartiment accetta ut sic il-klassifikazzjoni kif maghmula mir-rikorrenti.

Illi l-ammont ta' (Lm434.00) erba mija u erbgha u tletin lira Maltin bhala taxxa fuq Valur Mijud fuq konsinna ta' "Enervit Drinks" impurtati f'Awissu 1995 ghadu dovut.

Illi l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti ikun ifisser li l-istess rikorrenti jigu arrikkiti indebitament ghad-dannu tal-Gvern.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat ukoll il-lista tax-xhieda annessa mal-istess risposta (fol 16 ibid).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat a fol 72 et seq ibid u dak verbalizzat waqt is-seduta tat-22 ta' Settembru 2003 a fol 71 ibid.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-atti in esami u mill-provi prodotti, ir-rikorrenti nomine jikkontententendi illi fuq il-prodotti in kwistjoni importati f'Malta mis-socjeta rikorrenti, ma kienux soggetti ghat-taxxa fuq il-valur mizjud meta hekk importati, peress li kienu fil-fehma ta' rikorrenti nomine, "Food preparations not elsewhere specified or included" u dan skond l-"H.S. Code" (2106.90.99.99) fornit lilhom mis-socjeta estera.

Illi l-intimat da parti tieghu, jsostni li l-istess prodotti huma soggetti ghat-taxxa imsemmija in vista li kienu deskritti taht l-"H.S. Code 2202.10.00.10.

Ikkunsidrat

Illi, skond l-istess rikorrenti nomine tikkontendi illi, fil-bidu, l-intimat kien accetta li l-istess prodotti ma kienux soggetti ghall-istess taxxa u dan kif rrisultanti mill-ordni ta' rilaxx bid-data tat-18 ta' Awissu 1995 annessa mal-atti a fol 5 u markata Dok CD1 kif ukoll minn dokumenti ohra moghtija lill-istess intimat (ara l-anness Dok CD2 a fol 7 sa fol 11 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, permezz ta' affidavit a fol 26 u fol 27 tal-atti u ta' dokumenti annessi ma' dan l-atti, Carmel sive Charles Dingli sostna dak li gie specifikat fir-rikors promotur u kif di gja premess u b'hekk l-prodotti in kwistjoni ma humiex fil-fehma tieghu, soggetti ghat-taxxa pretiza mill-intimat a basi tal-ittra ufficjali mahruga mill-intimat skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Milll-istess xhieda, jidher li l-fizzjal tad-Dwana involut kellu dubbju dwar il-klasifikazzjoni u diskrizzjoni tal-istess prodotti u ghalhekk skond il-procedura segwita, kien sar depositu sakemm jsiru dawn il-verifiki. F'dan il-kaz, kienet giet depositata s-somma ta' Lm906 skond kif risultanti mill-istess ordni ta' rilax citata. Sussegwentement meta kien sar il-hatt tal-'container' kien hemm presenti zewg fizjali tad-Dwana. Inoltre s-socjeta rikorrenti kienet irceviet rifusjoni minghand id-Dwana, tal-ammont kollu depositat u b'hekk, l-intimat "kien sodisfatt li d-dokumenti kienu mtlew kif suppost". Pero, madwar hames xhur wara s-socjeta rikorrenti kienet irceviet l-ittra ufficjali gja msemmija.

Ikkunsidrat

Illi l-intimat ippresenta s-segwenti provi in sostenn tat-tesi tieghu:-

a) Anthony Dimech (fol 39 et seq ibid) sema' illi l-fizzjal tad-Dwana inkarigat mir-rilax tal-oggetti in kwisjtoni kien ha kampjuni tal-prodotti sabiex jsiru l-verifiki dwar jekk dak dikjarat mill-importatur fil-"customs entry form" kienx korrett u ezatt. Meta tali verifiki gew konkluzi rrizulta li l-istess prodotti kienu jaqghu taht klassifika ohra "….li fuqha hi pagabbli il-VAT" biss. Konsegwentement, kienet inharget il-"post entry" relattiva li tinsab esebita a fol 44 ibid (ara ukoll ix-xhieda ta' Saviour Chetcuti, l-ufficjal li kien inkarigat mir-rilaxx tal-istess prodotti u li ordna li kampuni taghhom jigu analizzati ghall-iskop premess u dan a fol 47 et seq ibid).
b) L-analista, Victor Sammut (fol 53 et seq ibid) spjega li dawn il-prodotti, ("Enervit Drinks") kienu mill-lat kimiku jikkontjenu "… livelli gholjin tal-hekk imsejjhin Electrolites specjalment Sodium u Potassium" intisi sabiex jinxtorbu

minn persuni b'attivita gholja.  Dan li ghadu kemm intqal ".. jikkonforma mat-tikketti tal-prodotti in kwistjoni. Difatti taht it-tariffa 2202/100010 "….hemm provediment ghal electrolites replacement drinks" u ghalhekk kien hareg it-tariffa taht din il-klassifikazzjoni (ara pagna 168 tal-anness "inegrated tariff of Malta 1995 Edition" anness mal-atti a fol 56).
c) Joseph Dimech (fol 58 et seq ibid) xehed dwar ir-rifusjoni li kienet saret u li di gja issemmiet.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti illi, skond il-klassifikazzjoni korretta tal-prodotti in kwisjonti, kif risultanti mix-xhieda tal-analista msemmi, irrendiet lill-istess prodotti, soggetti ghat-taxxa in kwistjoni u ghalhekk dak mitlub fl-ittra ufficjali in kwistjoni kien u ghadu filfatt, dovut lill-intimat.

Illi jidher ukoll illi r-rikorrenti nomine kienu rcevew rifusjoni tad-depositu kollu gja mhallas, liema depostiu kien jinkludi kemm it-taxxa in kwistjoni kemm dazju.

Difatti, f'dan il-kaz jidher li kellha issir tali rifuzjoni"in parti" biss in vista li fuq l-istess prodotti ma kien hemm ebda dazju dovut waqt li erroneament, saret refusjoni ukoll tal-ammont dovut skond il-ligi bhala taxxa tal-valur mizjud Dwar dan il-Qorti tara li ma tistax taccetta dak sostnut mir-rikorrenti nomine ghax, jekk jigri dan, tkun qed tawtorizza lill-istess rikorrenti nomine li jaghmel arrikament ingustifikat sabiex dan jigi rimedjat ghandhom jigu applikat l-artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili ("indebiti solutio"). Difatti persuna li tercievi, jew konsapevolment jew bi sball, hu obligat li jaghtiha lura lill-persuna li minghandha jkun ircevitha.

Ikkunsidrat

Illi, a basi tal-premess, it-talba tar-rikorrenti nomine ma' tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi tichad dak kollu mitlub mir-rikorrenti nomine bl-ispejjes ta’ din il-procedura jithallsu mir-rikorrenti nomine stess.”

Kontra din is-sentenza l-atturi *nomine* iddeducew dawn l-aggravji:-

(1) Fuq il-bazi tad-dokumenti emessi mill-fornitur esteru l-merkanzija giet importata minn socjeta` *en nom collectif* u mhux minnha. Tissottometti ghalhekk illi in kwantu diretta kontra taghha d-domanda tal-Kontrollur hi nfondata;

(2) L-izball tal-Kontrollur li ghamel ir-rifuzjoni tad-depozitu tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hu zball ta’ dritt u dan igib li l-hlas hekk maghmul ma jistax jigi ripetut. F’ dan il-kuntest l-atturi *nomine* accennaw ghall-aspetti ohra tal-materja; *inter alia*, il-konsiderazzjoni ta’ l-effett ekonomiku ghalihom li jgib ir-ripetizzjoni tal-hlas li hi rceviet. Jinsistu allura, anke ghab-bazi ta’ din ir-raguni, illi l-izball ma kellux jigi rettifikat;

Mill-ezami ta’ l-ewwel aggravju l-atturi qed jissollevaw il-punt li s-socjeta` minnhom rapprezentata mhix il-legittima kontradditrici tad-domanda tal-Kontrollur appellat fis-sejha gudizzjarja ta’ dan fl-ambitu ta’ l-Artikolu 466, Kapitolu 12. Jigi mill-bidunett notat illi dan l-ilment qed jitqajjem ghall-ewwel darba mill-appellanti *nomine* f’ din is-sede meta, ragonevolment, kien mistenni li jigi sollevat fil-korp tar-rikors oppozitorju taghhom biex jigi epurat u definit mill-Qorti ta’ l-ewwel grad. Mhux biss ma sarx dan talli addirittura fl-istess rikors promotur l-atturi *nomine* jaffermaw li l-importazzjoni tal-merce konsistenti f’ “Enervit Drinks” saret minnhom;

Issa ankorke din il-Qorti ta’ l-Appell kellha tikkonsidra dan l-aggravju taghha b’ applikazzjoni ta’ l-Artikolu 732 tal-Kodici ta’ Procedura li jikkonsenti ghas-sollevar ta’ eccezzjoni perentorja fi stadju ta’ l-appell, l-istess huwa

imbaghad fattwalment bla bazi. Jirrizulta markatament mid-dokumenti esebiti mill-istess atturi *nomine* illi l-importazzjoni tal-merce surreferita saret mis-socjeta` F. R. D. Limited u mhux mill-“Firm Reno Dingli”. Din l-ahhar azjenda tiffigura fic-certifikat emess mis-socjeta` esportatrici estera fil-kaz tal-partita ta’ “12 Pallets Isotonic and Hipotonic Sports Drinks”, (ara dokument a fol. 28). Fil-kaz ta’ l-Enervit Drinks, meritu tal-kwestjoni agitata d-dokumenti esebiti jindividwaw lis-socjeta` F. R. D. Limited bhala l-importatur. Ara Certificato di Circolazione delle Merci (fol. 29) u r-Release Order tad-Dwana (fol. 31). In bazi ghal din il-konstatazzjoni l-aggravju huwa manifestament wiehed fieragh ghal kollox u qed jigi michud;

Inversament, it-tieni aggravju hu aktar fundamentali. Permezz tieghu l-kwestjoni li ghandha tigi hawn rizoluta tirrigwarda l-punt ta’ dritt jekk ir-rifuzjoni pretiza mill-Kontrollur appellat tistax ikollha bazi fil-ligi;

Jidher mill-atti li jezisti qbil komuni bejn il-kontendenti illi l-kwestjoni hawn involuta hi rikollegata mal-kwazi-kuntratt ta’ l-*indebito solutio*, senjatament l-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili;

Huwa pacifiku li r-rekwiziti ta’ dan il-kwazi-kuntratt huma (i) il-pagament, (ii) l-indebitu u (iii) l-izball ta’ min hallas. (Ara **Kollez. Vol. XXXVIII P II p 483**). Jitnissel allura illi r-ripetizzjoni tista’ tigi ezercitata ghall-prestazzjonijiet kollha kompjuti minghajr ma kienu dovuti u bi zball (**Kollez. Vol. XLV P III p 782**). Naturalment it-talba restitutorja hi wahda personali, cirkoskritta, skond l-orjentament dottrinali prevalenti, bejn is-*solvens* u l-*accipiens*. Jispetta dejjem lil min jallega l-pagament l-oneru tal-prova tal-pagament u l-inezistenza tal-*causa debendi*. Ghall-indebitu oggettiv, kif espress fl-Artikolu 1022 Kapitolu 16, tibbasta, imbaghad, il-prova ta’ l-izball fis-*solvens* u l-accertament ta’ l-assenza ta’ gustifikazzjoni tal-hlas maghmul. Ara sentenza recensjuri ta’ din il-Qorti

in re "**GasanMamo Ins. Ltd -vs- Untours Insurance Agents Ltd**", 21 ta' Gunju 2006;

Il-fatti tal-kawza huma sew esposti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li dawn jergghu jigu replikati. L-ezami li jokkorri jsir hu jekk il-Kontrollur appellat irnexxilux jissodisfa r-rekwiziti fuq specifikati;

Kwantu ghall-element tal-pagament m' hemmx wisq x' jinghad anke ghaliex dan huwa pacifiku u nkontestat. Jirrizulta in effetti illi l-Kontrollur ghadda lill-atturi *nomine* oltre r-rifuzjoni tad-depozitu akkont tad-dazju dovut, ir-rifuzjoni tal-VAT depozitat fuq il-partita mportata u li dwarha l-analista departimentali bidlilha l-klassifikazzjoni minn dik pretiza mill-atturi *nomine*. Ara xhieda ta' Saviour Chetcuti (fol. 47) u ta' Victor Sammut (Fol. 54);

Isegwi minn dan, fil-konsiderazzjoni tat-tieni element ta' l-inezistenza tad-debitu, illi gjaladarba l-VAT kien dovut il-pagament maghmul mill-Kontrollur kien priv minn "*causa solvendi*" fil-mument li sar. Dan iwassal ghar-riflessjoni fuq l-element ta' l-izball fis-*solvens* li fuqu jidher li maggorment issoffermaw l-appellanti *nomine*. Zball dan li jrid ikun wiehed *di fatto* ghax kif korrettement ravvizat mill-istess appellanti fuq l-istregwa ta' gurisprudenza affermata "l-izball *di diritto* ma jiswiex biex jintalab bil-jedd dak ir-radd" (**Kollez. Vol. XXIX P II p 453**). Ma' dan irid jizdied ukoll dak drabi ohra ritenut fis-sens illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-*solvens*, u b' mod specjali jekk ssir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf bic-cirkustanzi li minhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas. F' dan il-kaz, min ikun hallas ma jistax jilmenta bir-ragun; u jekk kellu xi dannu, *imputet sibi*" (**Kollez. Vol. XLI P I p 76**);

Fermi dawn l-osservazzjonijiet ta' dritt, bir-rispett kollu ghal certi sottomissjonijiet ta' l-appellanti *nomine*, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-izball li sar hu

wiehed intrinsikament ta’ fatt. Sar radd lura ta’ depozitu in eccess ta’ dak li l-appellat kellu jaghmel u l-prova ta’ dan l-izball, konsistenti fl-eccess ta’ hlas, tikkonfigura u titnissel, bhala konsegwenza necessarja u ovvja, mid-dimostrazzjoni tal-prova l-ohra li d-debitu kien inezistenti u l-hlas ma messux sar, ghallanqas fil-kaz tar-radd lura tad-depozitu tal-VAT. Dan igib li r-restituzzjoni tad-dritt erarjali hekk indebitament korrispost mill-appellat isir obbligatorju. Xejn kuntrarju ma jista’ jingibed ghal dan li nghad mis-sentenza fl-ismijiet “**Anthony Azzopardi *et nomine* -vs- Lawrence Ciantar**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998, citata mill-appellanti *nomine* ghaliex il-fattispeci f’ dak il-kaz kienu *toto coelo* diversi minn dawk tal-kaz prezenti, kif inhu kjarament ovvju mill-paragun bejn iz-zewg kawzi. Dan apparti mbaghad il-kunsiderazzjoni li difficilment tista’ din il-Qorti tirravviza mill-fattispeci tal-kaz in disamina sitwazzjoni ta’ pregudizzjalita` ekonomika ghall-interessi ta’ l-appellanti. Zgur li ma tistax tigi tollerata qaghda fejn, kif korrettement ravvizat mill-appellat, l-importatur, li jkun haseb ghat-taxxa mhallsa fil-prezz lill-konsumatur, jircievi darbtejn l-import tal-VAT: darba minghand il-konsumatur u, darb’ ohra, bir-radd lura bi zball li sar mill-Kontrollur;

Quddiem qaghda bhal din jidher li taghmel hafna sens ir-riflessjoni tal-wisq erudit l-Onor. Imhallef Maurice Caruana Curran fejn jghid li, “id-dritt ghar-ripetizzjoni ta’ dak li huwa hallas bhala indebitu hu fondat fuq il-principju kbir ta’ l-ekwita` li ma tippermittix li wiehed jarrikixxi ruhu b’ dannu ta’ ghajru” (“**Joseph Rossi -vs- Victor Cilia *et***”, Qorti Civili, Prim' Awla, 11 ta’ Marzu 1970); f’ dan il-kaz, b’ dannu ghall-komunita`.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichad l-istess fiz-zewg kapi devoluti lilha u tghaddi biex tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-atturi *nomine* appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------